MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 332/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. T. Micallef)**
**Vs**
**Roderick Grech Pillow**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Mejju, 2008, ghall-habta tas-1.30 a.m., bhala persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-hanut ta' l-inbid, birra w xorb spirituz bl-isem ta' "The Ivory Bar" maghruf bhala "Sin City, li jinsab gewwa Triq Wilga, Paceville, San Giljan

1. ippermetta tfal taht is-sittax (16)-il sena biex jidhlu fil-post imsemmi;
2. biddel l-isem ta' l-imsemmi hanut minn "The Ivory" ghal "Sin City" minghajr licenzja ta' l-Awtorita' kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 t’Ottubru, 2008, li biha, wara li rat ir-regolament 18 tal-Avviz Legali 392/29 sabet lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni – t-tieni imputazzjoni kienet giet irtirata mill-prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti - w ikkundannatu ghall-hamsa w tletin Euro (€35.00) ammenda.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta’ Novembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellate fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f’dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellat ghall-piena ta’ ammenda ta’ hamsa w tletin Euro (€35) u minflok tinfliggi l-pieni skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, hu s-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti sabet htija taht ir-Regolament 18 tal-Government Notice 329/29 , invece l-htija kellha tinstab taht ir-Regolament 6(1) tal-Avviz Legali 124/1995 u cioe' r-reat ta' min ihalli persuna taht l-eta' ta' 16 il-sena tidhol go lokalita' ta' divertiment. Kellha mbaghad teroga piena fil-parametri tal-istess regolamenti. Ghalhekk is-sentenza hija nulla ghax giet citata ligi hazina li tahtha instabet htija.

Semghet ix-xhieda ta’ PS 928 Ramon Mifsud li kkonferma li fil-fond Sin City ikun hemm xorb u zfin bhal kull night club regolari w li fid-data msemmija fic-citazzjoni fis-1.30 a.m. waqt spezzjoni sab zewg minoreni w cioe’ lil Omissis 1 u Omissis 2 hemm gew.  Dawn kellhom hmistax il-sena. Meta kellem lill-appellat, dan qallu li ma kienx jaf li minorenni taht is-sittax il-sena ma setghux jidhlu hemm gew.

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi l-Avukat Generali ghandu ragun jilmenta li giet citata l-ligi hazin f' dan il-kaz ghaliex il-fond in kwistjoni w cioe' dak li jgib l-isem IVORY BAR maghruf bhala SIN CITY, fi Triq Wilga, f' Paceville, San Giljan, skond l-akkuza huwa hanut ta' l-inbid, birra w xorb spirituz li skond ma rrizulta mid-depozizzjoni tas-Surgent Mifsud hu lok ta' divertiment jew zfin u li kwindi jaqa' taht id-definizzjoni ta' lokalita' ta' divertiment skond l-Avviz Legali 124/1995. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Louise Ann Faure"** [11.9.2008]; **"Il-Pulizija vs. Simone Sciberras"** [11.12.2008] ).

Ghalhekk il-htija kellha tinstab taht ir-Regolament 6(1) u 15(1) tal-istess Avviz Legali u mhux taht dak citat fis-sentenza appellata.

Issa, kif dejjem gie ritenut, skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w <u>ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>

Illi skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita’ tas-sentenza appellata. Jekk jissemma artikolu hazin jew artikolu jew regolament ta' ligi zbaljata, dan ukoll ma jkunx qed iwasasal biex jigi rispettat il-vot tal-ligi. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F’ kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata w il-Qorti tisma’ w tiddeciedi l-kawza mill-gdid hi. (ara f’ dan is-sens l-Appelli Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Paul Cachia**” [25.9.2003] ; **“Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**” [9.9.2002]; **“Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**” [10.7.2002 u 28.6.2002] **“Il-Pulizija vs. Donald Cilia**” [24.4.2002], “**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**” [14.9.2004]; “**Il-Pulizija vs. John Axiaq et”** [19.5.2005] ; **“Il-Pulizija vs. Stefan Abela”** [2.2.2006]; **"Il-Pulizija vs. Josette Bickle"** [2.11.2006] u ohrajn).

Ghalhekk hu l-kaz li s-sentenza appellata tigi annullata.

Peress li l-Qorti semghet it-trattazzjoni anki fuq il-mertu, hija f' pozizzjoni li taghti s-sentenza mill-gdid, specjalment in vista ta' dak li rrizulta quddiem din il-Qorti w cioe' li l-lokal ikun fih iz-zfin u li dahlu fih persuni taht is-sittax il-sena.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell tal-Avukat Generali billi, fl-ewwel lok, tannulla s-sentenza appellata, u wara li semghet it-trattazzjoni fuq il-mertu, ssib lill-istess appellat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u wara li rat ir-Regolamenti 2, 6(1) u 15(1) tal-Avviz Legali 124 tas-sena 1995, tikkundannah erba mija w hamsa w sittin Ewro u sebgha w tmenin centezmu (E465.87c) multa, konvertibbli f' erbghin (40) jum prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------